31 ta' Ottubru 2019
116/2019

**ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MMEXXIJA MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA F'NOVEMBRU 2019**

Il-Ġimgħa 1 ta' Novembru, fis-6:00 p.m., l-Arċisqof Charles J. Scicluna jiċċelebra Quddiesa fil-festa tal-Qaddisin Kollha, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Iċ-ċelebrazzjoni tixxandar live fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

Is-Sibt 2 ta' Novembru, fl-10:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fit-Tifkira Solenni tal-Mejtin Kollha, fil-Knisja taċ-Ċimiterju tal-Addolorata, Raħal Ġdid. Il-Quddiesa tixxandar fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

Il-Ħadd 3 ta' Novembru, fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li matulha jagħti l-pussess lil Patri Dominic Mangani OFM Cap, bħala l-Kappillan il-ġdid tal-Parroċċa tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa.

It-Tnejn 4 ta' Novembru, fis-7:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jagħti l-Ministeru tal-Akkolitat lil tliet seminaristi, fis-Seminarju tal-Arċisqof, Tal-Virtù.

Is-Sibt 16 ta' Novembru, fl-10:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma lill-adolexxenti tal-iskola San Anton, fis-Santwarju tal-Ħniena Divina, in-Naxxar. Fil-5:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re, Raħal Ġdid, u wara jsir pellegrinaġġ bil-vara tal-Immakulata Kunċizzjoni sal-Parroċċa ta' Bormla.

Il-Ħadd 17 ta' Novembru, fl-10:45 a.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma lill-adolexxenti, fil-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re, Raħal Ġdid. Fl-4:00 p.m., l-Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma lill-adolexxenti, fil-Knisja Parrokkjali tal-Gżira.

Is-Sibt 23 ta' Novembru, fil-5:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma lill-adolexxenti, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar.

Il-Ħadd 24 ta' Novembru, fl-10:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma lill-adolexxenti, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar. Fil-5:00 p.m., l-Arċisqof jmexxi korteo minn fejn il-monument ta' Kristu Re, il-Furjana, li jimxi lejn il-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fejn tingħad it-talba tal-għasar.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**